Nru./No. 21,487
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu, 2025
Wednesday, 13th August, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,793 - 10,795
Government Notices ..... *10,793 - 10,795*

Avviżi tal-Qorti 10,796
Court Notices *10,796*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1275

KUMITAT ĠENERALI TAL-KUNTRATTI

SKONT ir-Regolamenti 65, 66 u 70 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L. 601.03, il-Prim Ministru approva dawn il-ħatriet fuq il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għall-perjodu ta' tliet snin.

Chairperson
Is-Sur Adrian Dalli

Chairperson Sostitut
Is-Sa Lorraine Mangion Duca

Membri
Is-Sur Stephen Young
Is-Sur Brian Farrugia
Is-Sur Mario Borg
Perit Vincent Cassar
Is-Sur David Magro
Is-Sa Anna Camilleri
Is-Sur Jurgen Zammit
Is-Sur Mark Grech
Is-Sa Margaret Camilleri

Segretarji
Is-Sa Marisa Gauci
Is-Sa Graziella Calleja

Dawn il-ħatriet huma validi sad-9 ta' Awwissu, 2028.

L-10 ta' Awwissu, 2025

Nru. 1276

ĦATRA TA' AĠENT ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marisabelle Azzopardi	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	27.8.2025 - 29.8.2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 1275

GENERAL CONTRACTS COMMITTEE

IN terms of Regulations 65, 66 and 70 of the Public Procurement Regulations S.L. 601. 03, the Prime Minister has appointed the following members on the General Contracts Committee for a period of three years.

Chairperson
Mr Adrian Dalli

Substitute Chairperson
Ms Lorraine Mangion Duca

Members
Mr Stephen Young
Mr Brian Farrugia
Mr Mario Borg
Perit Vincent Cassar
Mr David Magro
Ms Anna Camilleri
Mr Jurgen Zammit
Mr Mark Grech
Ms Margaret Camilleri

Secretaries
Ms Marisa Gauci
Ms Graziella Calleja

These appointments are valid up to 9th August, 2028.

10th August, 2025

No. 1276

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

No. 1277

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ ta' Prodotti tat-Tabakk u Prodotti Relatati

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jippermettu li prodotti tat-tabakk imsaħħan (HTPs) jitqiegħdu fis-suq soġġetti għal restrizzjonijiet neċessarji.

2. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Dawn ir-regolamenti qed jipprovdu tifsira ta' "prodott tat-tabakk imsaħħan" bħala prodott tat-tabakk ġdid li jissaħħan biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad tinġibed man-nifs mill-utent, u li, skont il-karatteristiċi tiegħu, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip u jagħmluha ċara li l-prodotti tat-tabakk imsaħħna li skont il-karatteristiċi tagħhom huma prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux għandhom jiġu regolati skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/40/UE. Addizjonalment, dawn ir-regolamenti jipprovdu għal restrizzjonijiet għas-suq u konformità li permezz tagħhom il-manifatturi u l-importaturi kollha ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan għandhom jikkonformaw mal-istess dispożizzjonijiet legali bħall-prodotti tat-tabakk l-oħra taħt ir-regolamenti prinċipali (L.S. 315.10).

3. Kummentarju fuq ir-regolamenti emendatorji

Ir-regolament 1– It-titolu.

Ir-regolament 2 – It-tifsira ta' "prodott tat-tabakk imsaħħan" qed tiġi miżjuda fir-regolament 2 tar-regolament prinċipali.

Ir-regolament 3 – Iħassar iż-żewġ provisos għas-subregolament 7(7) tar-regolamenti prinċipali.

Ir-regolament 4 – Jemenda r-regolament 11(1) tar-regolament prinċipali billi jħassar il-paragrafu (e) u jissostitwixxi l-proviso tiegħu sabiex jiċċara li l-prodotti tat-tabakk imsaħħna li skont il-karatteristiċi tagħhom huma prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux għandhom jiġu regolati skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/40/UE.

Ir-regolament 5 – Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali biex jeskludi prodotti tat-tabakk imsaħħan mit-tifsira ta' "prodotti tat-tabakk bla duħħan".

4. Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti se jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

N.B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma humiex intiżi bħala deċiżjoni awtoritattiva fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-13 ta' Awwissu, 2025

No. 1277

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Manufacture, Presentation and Sale of Tobacco and Related Products (Amendment) Regulations, 2025 (S.L. 315.10)

Explanatory Notes

1. Introduction and background

The scope of these regulations is to permit heated tobacco products (HTPs) to be placed on the market subject to the necessary restrictions.

2. Overview of the structure of the instrument

These regulations provide a definition for "heated tobacco product" as a novel tobacco product that is heated to produce an emission containing nicotine and other chemicals, which is then inhaled by the user, and that, depending on its characteristics, is a smokeless tobacco product or a tobacco product for smoking and also make it clear that heated tobacco products which depending on their characteristics are smokeless tobacco products shall be regulated by the provisions of Article 12 of Directive 2014/40/EU. Additionally, these regulations provide for market restrictions and compliance by which manufacturers and importers of heated tobacco products must comply with the same legal provisions as for other tobacco products under the principal regulations (S.L. 315.10).

3. Commentary on the amending regulations

Regulation 1 – Title.

Regulation 2 – Definition of "heated tobacco product" is added to regulation 2 of the principal regulations.

Regulation 3 – Deletion of the two provisos to sub-regulation 7(7) of the principal regulations.

Regulation 4 – Amends regulation 11(1) of the principal regulations to remove paragraph (e) and substitute the proviso thereof to clarify that heated tobacco products which depending on their characteristics are smokeless tobacco products shall be regulated in accordance with Article 12 of Directive 2014/40/EU.

Regulation 5 – Amends regulation 21 of the principal regulations to exclude heated tobacco products from the definition of "smokeless tobacco products".

4. Conclusion

These regulations shall come into force on the date of their publication in the Gazette.

N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

13th August, 2025

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

2071

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 170/2025DC, fl-ismijiet: Maria sive Mary Lourdes Galea vs Albert Gatt, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Maria sive Mary Lourdes Galea (343872M) vs Albert Gatt (452563M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Frar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti għandha d-dritt li tirċievi l-porzjoni riżervata skont il-liġi mill-assi patrimonjali tad-defunt missierha Paul Gatt u pagabbli lill-istess rikorrenti mill-intimat;

2. Tifforma, tillikwida l-wirt ossija l-assi partikolari tad-defunt Paul Gatt konsistenti fl-assjem tal-assi u l-ġid parafernali tiegħu u ta' nofs indiviż tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejnu u bejn ommha Carmela Gatt, flimkien mal-frutti u sostanzi kollha provenjenti u derivanti mill-istess wirt, u dan sabiex tiġi likwidata u assenjata l-porzjon riżervat spettanti lir-rikorrenti skont il-liġi minn dawn l-assi okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;

3. Tillikwida s-sehem riżervat skont il-liġi mill-assi partikolari tad-defunt missierha Paul Gatt spettanti l-attriċi;

4. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attriċi s-sehem riżervat hekk likwidat flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 7/2025GMG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Albert Gatt (452563M), Creek Court, Flat 4, Cross Street, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Awwissu, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th March, 2025, in the records of the Sworn application number 170/2025DC, in the names: Maria sive Mary Lourdes Galea vs Albert Gatt, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Maria sive Mary Lourdes Galea (343872M) vs Albert Gatt (452563M) filed in the Civil Court First Hall on the 26th February, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the applicant has the right to receive the portion reserved according to law from the patrimonial assets of her deceased father Paul Gatt and payable to the same applicant by the respondent;

2. To form, liquidate the inheritance or rather the particular assets of the deceased Paul Gatt consisting in the totality of his paraphernal assets and wealth and of one half undivided share of the Community of acquests already existing between him and her mother Carmela Gatt, together with all the fruitful things and substances deriving from the same inheritance, and this in order to liquidate and assign the reserved portion due to the applicant according to law from these assets if necessary by the appointment of referees;

3. Liquidate the reserved share according to law from the particular assets of her deceased father Paul Gatt due to the plaintiff;

4. Condemn the respondent to pay the plaintiff the reserved share so liquidated together with interest on the same;

With all costs and interests against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application number 7/2025GMG in the names mentioned above is postponed to 6th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Albert Gatt (452563M), Creek Court, Flat 4, Cross Street, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 12th August, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603